DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/240

tas-6 ta' Frar 2019

li temenda d-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni 2013/648/UE u 2013/650/UE fir-rigward tar-rappreżentant tad-detenturi ta' awtorizzazzjoni

(notifikata bid-dokument C(2019) 747)

(It-testi bl-Olandiż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż biss huma awtentiċi)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) u l-Artikolu 21(2) tiegħu,

Billi:

(1) Dow AgroSciences Ltd., bis-sede fir-Renju Unit, hija r-rappreżentant fl-Unjoni ta' Dow AgroSciences LLC, bis-sede fl-Istati Uniti, skont id-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/648/UE ([2]) u 2013/650/UE ([3]) għal ikel u għalf ġenetikament modifikat f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1829/2003. Għall-awtorizzazzjonijiet skont dawk id-deċiżjonijiet, Monsanto Europe S.A., bis-sede fil-Belġju, hija r-rappreżentant fl-Unjoni ta' Monsanto Company, bis-sede fl-Istati Uniti.

(2) B'ittra bid-data tat-13 ta' Settembru 2018, Dow AgroSciences Ltd. talbet lill-Kummissjoni, fil-kuntest tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea, li jenħtieġ li l-awtorizzazzjonijiet għall-ikel u l-għalf ġenetikament modifikat li għalihom Dow AgroSciences Ltd. hija r-rappreżentant ta' Dow AgroSciences LLC, jiġu ttrasferiti lil Dow AgroSciences Distribution S.A.S., bis-sede fi Franza. B'ittra bid-data tas-7 ta' Settembru 2018, Dow AgroSciences Distribution S.A.S ikkonfermat il-qbil tagħha mat-trasferiment tar-rappreżentant.

(3) B'ittra bid-data tas-27 ta' Awwissu 2018, ir-rappreżentant fl-Unjoni ta' Monsanto Company għal dawk l-awtorizzazzjonijiet, Monsanto Europe S.A., għarraf lill-Kummissjoni li huwa kkonverta il-forma ġuridika tiegħu u biddel ismu għal Bayer Agriculture BVBA, il-Belġju. B'ittra bid-data tal-4 ta' Settembru 2018, il-Kummissjoni infurmat lil Monsanto Europe S.A. li jenħtieġ li l-awtorizzazzjonijiet ikkonċernati jiġu emendati skont dan.

(4) Il-bidliet mitluba huma purament amministrattivi fin-natura tagħhom u għalhekk ma jeħtiġux valutazzjoni ġdida tal-prodotti kkonċernati. L-istess japplika fir-rigward tad-destinatarji tad-Deċiżjonijiet tal-awtorizzazzjonijiet ikkonċernati, li wkoll jenħtieġ li jiġu adattati skont dan.

(5) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni 2013/648/UE u 2013/650/UE jiġu emendati skont dan.

(6) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

([1]) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 1.

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/648/UE tas-6 ta' Novembru 2013 li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, li jikkonsistu minn, jew li jiġu prodotti mill-qamħirrum modifikat ġenetikament MON89034 × 1507 × NK603 (MON-89Ø34-3 × DAS-Ø15Ø7-1 × MON-ØØ6Ø3-6) skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 302, 13.11.2013, p. 38).

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/650/UE tas-6 ta' Novembru 2013 tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew ikunu prodotti minn qamħirrum ġenetikament modifikat (ĠM) MON 89034 × 1507 × MON88017 × 59122 (MON-89Ø34-3 × DAS-Ø15Ø7-1 × MON-88Ø17-3 × DAS-59122-7), erba' qamħirrum ĠM relatati li jgħaqdu tliet eventi singli differenti ĠM (MON89034 × 1507 × MON88017 (MON-89Ø34-3 × DAS-Ø15Ø7-1 × MON-88Ø17-3), MON89034 × 1507 × 59122 (MON-89Ø34-3 × DAS-Ø15Ø7-1 × DAS-59122-7), MON89034 × MON88017 × 59122 (MON-89Ø34-3 × MON-88Ø17-3 × DAS-59122-7), 1507 × MON 88017 × 59122 (DAS-Ø15Ø7-1 × MON-88Ø17-3 × DAS-59122-7)) u erba' qamħirrum ĠM relatati li jgħaqqdu żewġ eventi ĠM singli differenti (MON89034 × 1507 (MON-89Ø34-3 × DAS-Ø15Ø7-1), MON89034 × 59122 (MON-89Ø34-3 × DAS-59122-7), 1507 × MON88017 (DAS-Ø15Ø7-1 × MON-88Ø17-3), MON 88017 × 59122 (MON-88Ø17-3 × DAS-59122-7)) skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 302, 13.11.2013, p. 47).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Emendi tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/648/UE

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/648/UE hija emendata kif ġej:

(1) It-test tal-punt (a) tal-Artikolu 6(1) huwa sostitwit b'dan li ġej: "Dow AgroSciences Distribution S.A.S., Franza, li tirrappreżenta lil DowAgroSciences LLC, l-Istati Uniti; u";

(2) It-test tal-punt (b) tal-Artikolu 6(1) huwa sostitwit b'dan li ġej: "Bayer Agriculture BVBA, il-Belġju, li tirrappreżenta lil Monsanto Company, l-Istati Uniti";

(3) It-test tal-punt (a) tal-Artikolu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej: "Dow AgroSciences Distribution S.A.S., 6, rue Jean Pierre Timbaud, 78180 Montigny-le-Bretonneux, Franza; u";

(4) It-test tal-punt (b) tal-Artikolu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej: "Bayer Agriculture BVBA, Scheldelaan 460, 2040 Antwerp, il-Belġju";

(5) Il-punt (a) tal-Anness huwa emendat kif ġej:

(a) l-isem "Dow AgroSciences Ltd" huwa sostitwit bil-kliem "Dow AgroSciences Distribution S.A.S.";

(b) l-indirizz "European Development Centre, 3B Park Square, Milton Park, Abingdon, Oxon OX14 4RN, ir-Renju Unit" huwa sostitwit bil-kliem "6, rue Jean Pierre Timbaud, 78180 Montigny-le-Bretonneux, Franza";

(c) l-isem "Monsanto Europe S.A." huwa sostitwit bil-kliem "Bayer Agriculture BVBA";

(d) l-indirizz "Avenue de Tervuren 270-272, 1150 Brussell, il-Belġju" huwa sostitwit bil-kliem "Scheldelaan 460, 2040 Antwerp, il-Belġju".

Artikolu 2

Emendi tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/650/UE

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/650/UE hija emendata kif ġej:

(1) It-test tal-punt (a) tal-Artikolu 6(1) huwa sostitwit b'dan li ġej: "Dow AgroSciences Distribution S.A.S., Franza, li tirrappreżenta lil DowAgroSciences LLC, l-Istati Uniti; u";

(2) It-test tal-punt (b) tal-Artikolu 6(1) huwa sostitwit b'dan li ġej: "Bayer Agriculture BVBA, il-Belġju, li tirrappreżenta lil Monsanto Company, l-Istati Uniti";

(3) It-test tal-punt (a) tal-Artikolu 8 huwa sotitwit b'dan li ġej: "Dow AgroSciences Distribution S.A.S., 6, rue Jean Pierre Timbaud, 78180 Montigny-le-Bretonneux, Franza; u";

(4) It-test tal-punt (b) tal-Artikolu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej: "Bayer Agriculture BVBA, Scheldelaan 460, 2040 Antwerp, il-Belġju";

(5) Il-punt (a) tal-Anness huwa emendat kif ġej:

(a) l-isem "Dow AgroSciences Ltd" huwa sostitwit bil-kliem "Dow AgroSciences Distribution S.A.S.";

(b) l-indirizz "European Development Centre, 3B Park Square, Milton Park, Abingdon, Oxon OX14 4RN, ir-Renju Unit" huwa sostitwit b' "6, rue Jean Pierre Timbaud, 78180 Montigny-le-Bretonneux, Franza";

(c) l-isem "Monsanto Europe S.A." huwa sostitwit bil-kliem "Bayer Agriculture BVBA";

(d) l-indirizz "Avenue de Tervuren 270-272, 1150 Brussell, il-Belġju" huwa sostitwit bil-kliem "Scheldelaan 460, 2040 Antwerp, il-Belġju".

Artikolu 3

Destinatarji

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lil:

(a) Dow AgroSciences Distribution S.A.S., 6, rue Jean Pierre Timbaud, 78180 Montigny-le-Bretonneux, Franza; u,

(b) Bayer Agriculture BVBA, Scheldelaan 460, 2040 Antwerp, il-Belġju.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Frar 2019.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membru tal-Kummissjoni